## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Patri Ġiġi Camilleri S.J. (1929 - 2006)*

Ma nistgħux nistudjaw l-istorja tal-Knisja Għawdxija mingħajr ma nistudjaw kemm ħarġu missjunarji minn din id-djoċesi żgħira. U proprju wieħed minnhom huwa Patri Ġiġi Camilleri S.J.

Ġiġi kien l-ewwel wild ta' Ċensu u Ġenesja mwielda Sultana u twieled fir-raħal tax-Xagħra fis-16 ta' Mejju, 1929. L-ewwel attenda l-iskola primarja tax-Xagħra u wara kompla fil-Liċeo tar-Rabat. U fl-1 ta' Novembru, 1946, Ġiġi akkumpanjat mill-ġenituri tiegħu wasal Dar Loyola, in-Naxxar biex jissieħeb bħala novizz fil-Kumpanija ta' Ġesù.

Il-vokazzjoni li jingħaqad mal-Ġiżwiti ġiet hekk. Huwa kien dejjem imħajjar biex isir qassis djoċesan. U meta kien l-aħħar sena tal-Liċeo, kien hemm l-Eżerċizzi tar-Randan li għamilhom Fr. Edgar Tabone. Kien l-ewwel Ġiżwita li ltaqa' miegħu u ħalla impressjoni tajba. Il-ħsieb li jsir Ġiżwita beda jberren f'moħħu. U wasal għal din il-konklużjoni: "Il-qaddis li nġib ismu, San Alwiġi Gonzaga, kien Ġiżwita wara kollox. Kont inħoss ħajra nsir qassis minn ċkuniti għax kont narah kuljum liebes suttana u spellizza fl-inkwatru sabiħ li l-ġenituri kienu dendlu fuq riħ is-sodda. Issa bdejt inħoss li l-Mulej riedni nkun ukoll Ġiżwita bħal San Alwiġi Gonzaga" ("Niftakar" fil-*Ħbiebna* Novembru 1996).

Sentejn wara għamel l-ewwel voti u beda l-kors ta' Studji Klassiċi. Hekk huwa talab biex imur f'din il-missjoni. U f'Ottubru 1950, flimkien ma' Brother Anton Scerri telaq lejn l-Indja. Hawnhekk huwa kellu jgħaddi erbgħa u erbgħin sena jagħmel il-ġid.

Kif wasal fl-Indja, Brother Ġiġi ntbagħat f'Ranchi biex jistudja l-Ħindi. U fi żmien sena għamel l-eżami tal-Matrikola tal-Ħindi u għadda bl-unuri. Wara għadda sena jgħallem fil-kulleġġ ta' St. Joseph f'Guhiajori. Imbagħad fl-1953, Brother Ġiġi mar De Nobili College, f'Poona, in-naħa ta' Bombay, fejn għal tliet snin studja l-filosofija.

Wara li spiċċa l-filosofija s-superjuri bagħtuh jistudja t-teoloġija fil-Kulleġġ ta' St. Mary's, f'Kurseong, fuq il-muntanji tal-Himalayas. Kien f'dan il-kulleġġ li fit-18 ta' Marzu 1959, ġie ordnat saċerdot. Wara t-teoloġija, Fr. Ġiġi mar St. Stanislaus' College, f'Sitagarha fejn għamel it-tielet sena ta' Novizzjat. Issa Fr. Ġiġi kien lest li jibda l-appostolat saċerdotali tiegħu.

Is-superjuri tiegħu assenjawlu xogħol f'St. Joseph College, Guhiajori, fejn għadda sitt snin. Hawnhekk għadda sentejn bħala Assistent Kap tal-Kulleġġ u għalliem u wara erba' snin bħala surmast. Fl-1967 is-superjuri tiegħu talbuh iħalli x-xogħol fil-kulleġġi u jibda x-xogħol fil-parroċċi. L-ewwel li ntbagħat kien fil-parroċċa ta' Majlispur. Iżda minħabba li l-gvern Indjan ma tahx permess kellu jerġa' lura lejn is-Santal Parganas. Mill-1968 sa l-1976 għaddiehom bħala kappillan fir-raħal ta' Tinpahar. Mhux ta' min jinsa li bejn l-1967 u l-1972, kien maħtur wieħed mill-erba' kunsilliera tas-Superjur tal-Missjoni tal-Ġiżwiti fl-Indja.



Imbagħad fl-1976 nħatar kappillan tal-parroċċa tal-Katidral fejn dam ħmistax-il sena. Barra x-xogħol ta' kappillan kien Vigarju Ġenerali ta' żewġ isqfijiet ta' Dumka u kien ukoll wieħed mill-kunsilliera tal-Isqof. Kien ukoll il-Vigarju Foranju u anki s-Superjur tal-Ġiżwiti f'dan id-distrett.

Fil-missjoni Fr. Ġiġi kiena attiv u għamel kemm xogħol pastorali kif ukoll għen lin-nies mill-aħjar li seta'. Iżda din il-ħidma bla serħan kellha effett fuq saħħtu. Lejn l-aħħar tal-1990 Fr. Ġiġi beda jħoss li ma għadux dak li kien u għalhekk is-Superjuri tiegħu biddlulu x-xogħol u fl-1994 ġie Għawdex f'Dar Manresa għall-mistrieħ u għadda l-aħħar tnax-il sena ta' ħajtu.

Iżda l-ħidma għas-saltna ta' Alla ma waqfitx. Kompla jaħdem b'mod ieħor. Ħaddem il-pinna u kien jikteb fir-Rivista "Ix-Xagħra" u kien jagħmel programmi fir-Radju tal-Komunità tax-Xagħra, "Radju Bambina". Kien jagħti ħsibijiet ta' sbieħ u għeluq il-jum li kienu jsaħħu l-ispirtu ta' min kien jisimgħu.

Baqa' jagħmel il-kuruni mhux bħala passatemp iżda sinjal ta' kemm kien iħobb lill-Verġni Marija. U matul il-vaganzi tas-sajf kien imur jgħin f'xi parroċċi fl-Ingilterra speċjalment ġewwa Lincoln. Minn hemm kien imur Fatima biex jgħin lill-eluf ta' pellegrini li kienu jixtiequ jqerru.

Fl-10 ta' Mejju 2006 Fr. Ġiġi ngħaqad mal-Mulej fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex wara li kien ilu rikoverat għal erbgħa u għoxrin siegħa biss.

**Angelo Xuereb**

Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo

Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051